**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Paul Vella ta' 40 sena, bin il-mejjet Anthony u Mary Jane nee Xuereb li joqghod 9, Triq Sant Elija, Xewkija, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 51860 G)**

Illum 18 t' April 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-11 ta' Ottubru 2001 ghall-habta tald-9:00a.m. u l-11.00a.m. (1) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u bi glied. (2) ikkommetta vjolazzjoni ta' proprjeta` ghad-detriment ta' sidha John Vella mix-Xewkija billli dahal go l-ghalqa tieghu li tinsab 'Tas-Salvatur' limiti tax-Xewkija (3) izjed talli hedded lil Mary Rose Vella mix-Xewkija (4) izjed saq tractor CBD 264 b'manjiera perikoluza u bi traskuragni u kkommetta hsara fil-hajt, fis-sandli u f'tank tal-plastic ghad-detriment ta' John Vella mix-Xewkija (5) izjed talli saq l-istess tractor b'manjiera perikoluza u traskurata u kkaguna griehi fuq il-persuna ta' Mary Rose Vella mix-Xewkija (6) talli saq tractor CBD 264 matul Triq Sant Elija, Triq Chev Lorenzo Zammit Haber minghajr numru tar-registrazzjoni (7) izjed talli naqas li jwahhal ir-road licence mall-windscreen ta' l-istess tractor.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Semghet il-provi kif ukoll ir-rinunzja tal-kwerelanti;

Fuq rinunzja tiddikjara l-proCediment ezawrit kwantu it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi;

Ma ssibux hati ta' l-ewwel, it-tieni, s-sitta u seba' akkuzi stante li mhux pruvat u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur